**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, l-20 ta' Jannar 2025**

Każ Nru: 499/24

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Roderick Attard u Spettur Michael Vella)

**kontra**

**WAGNE DEMBA LABO**

## IL-QORTI:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Demba Labo Wagne ta' disa' u tletin (39) sena, iben Thierno Sydou Waargu u Mame Dioma Sow, mingħajr indirizz fiss, imwieled l-Koumassi, nhar il-11 ta' Jannar 1985 u detentur tal-karta tal-identita' tas-Senegal 1 01 19850111 0072 7 u detentur tan-numru tal-passaport tas-Senegal A03870524, permezz ta' liema ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer Maltin fl-erbatax (14) ta' Ġunju 2024 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Biegħ jew xort'oħra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ittenta jesporta l-pjanta Cannabis kolha jew biċċa minnha bi ksur tal-arikoli 15A u 22(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

Ġie akkużat ukoll talli fis-sebgħa (7) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan u /jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

4. Għamel lil PC1461 Alfred Bray, persuna nkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, inġurji jew theddid jew għamel offiża ta' natura ħafifa fuq l-imsemmija persuna bi strument li jaqta' jew iniggeż;
5. Għamel lil PS1161 Aldo Zammit u lil PC 1461 Alfred Bray inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
6. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma għandu liċenżja jew permess mingħand il-Kummissarju.

Il-Qorti ġiet mitluba sbaiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-aħħar net il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' PS 1161 Aldo Zammit u PC 1461 Alfred Bray ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta ħtija ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali a tenur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat l-14 ta' Ġunju 2024, permezz ta' liema ordnat li l-imputat odjern Demba Labo Wagne jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat ukoll il-kontro-ordni flimkien mar-Rinviju għall-Ġudizzju maħruġ mill-Avukat Ġenerali nhar il-25 ta' Novembru 2024 permezz ta' liema filwaqt li ġie ordnat li l-imputat odjern jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-akkużi miġjuba kontrieh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, permezz tar-Rinviju għall-Ġudiżżju ġie iddikjarat li wara li l-istess Avukat Ġenerali rat l-atti tal-kompilazzjoni jidhrilha li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt is-segwenti artikoli tal-Liġi:

1. Fl-artikoli 95, 214, 215, 217, 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2024, wara li l-Qorti qrat il-kontro-ordni u l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-kawża odjerna tiġi deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti,

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni huma s-segwenti:

1. **PS649 Joseph Buhagiar** ppreżenta bil-ġurament filmat meħud[1] minn ġewwa LongHall Pub fi Triq San Ġorġ, Kantuniera ma Triq Dragunara li ġie mmarkat bħala Dok. JB. Skond l-istess xhud minn dan il-filmat nhar il-5 ta' Mejju 2024 jidher l-imputat odjern jiġi avviċinat minn persuni differenti waqt li kien bilqiegħda fuq bankijiet li huma proprjeta' tal-istess Pub. Skond l-istess xhud l-imputat jidher jgħaddi xi pakketti, li kienu fil-pots tal-qsari tal-istess Pub, lil dawn in-nies u jiġbor flus kontanti. Mistoqsi in kontro-eżami dwar it-*time-stamp,* Buhagiar spjega li, għalkemm jista' jikkonferma d-data tal-5 ta' Mejju 2024 bħala data li taqbel ma dik reali, huwa ma huwiex f'posizzjoni li jikkonferma l-ħinijiet li jidhru fil-filmat esebiet bħala Dok. JB. Skond l-istess xhud ma huwiex f'posizzjoni li jikkonferma l-ħinijiet għaliex għalkemm huwa iċċekja l-ħinijiet ukoll meta eleva l-filmat illum nesa d-diskrepanza li kien hemm bejn il-ħin tal-filmat u l-ħin reali, dejjem jekk kien hemm.

   Il-Qorti rat il-filmati esebiti bħala Dok. JB. Illi fis-CD esebiet kien hemm erba' filmati, li b'eċċezzjoni għall-aħħar filmat, il-filmati kienu ta' ħamsa u ħamsin minuta kull wieħed u l-prosekuzzjoni ma ġibdet fl-ebda ħin l-attenzjoni tal-Qorti għal-liema filmat qed tirreferi u lanqas għal xi ħinijiet speċifiċi minn dawn il-filmati. Konsegwentament din il-Qorti rat dawn il-filmati kollha filwaqt li ppruvat tiddetermina hi dak li hu relevanti għal każ odjern. Mill-ewwel filmat jidher persuna ta' karneġġjon skur liebes beritta u f'istanzi anke xalla, b'daru jkun għal maġġor parti tal-ħin lejn il-kamera, jpoġġi bilqiegħda (għal darbtejn) fuq il-bankijiet tal-Pub minn

[1] Elevat mix-xhud stess fis-7 ta' Mejju 2024.

fejn huwa meħud il-filmat. Huwa jidher jitkellem ma numru ta' nies għaddejjin mit-triq. F'okkażżjoni waħda jidher li waqaf jitkellem ma' żewġ persuni għall-ħabta tas-18.00hrs fejn għadda lill-persuna libsa flokk blue xi ħaġa li ma hijiex identifikabbli. Mill-filmat ma setgħax jiġi determinat jekk għaddewx flus kontanti għal dan l-oġġett. Dan il-persuna ma huwiex identifikabbli. Għall-ħabta tas-sitta fuq l-istess filmat jidher raġel ieħor libes jersey griż jgħaddi xi ħaga lil-persuna libes flokk u beritta bajda. Madanakollu dawn il-persuni ukoll ma humiex identifikabbli u wisq inqas huwa identifikabbli l-oġġett li għadda bejniethom. Fit-tieni filmat l-ewwel persuna imsemmi fl-ewwel filmat u ċioe' persuna ta' karnaġġjon skur liebes beritta u xalla, jidher għal darb'oħra jgħaddi xi ħaġa mhux identifikabbli lil xi ħadd liebes flokk vjola għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart. Fil-bidu tat-tielet filmat l-istess persuna jidher jagħmel kuntatt ma tlett persuni maskili lebsin flokk iswed. L-ewwel tnejn minnhom jgħaddulu xi ħaġa sussegwentament huwa jidher jipponta l-qasrija għal wieħed minn dawn l-irġiel u sussegwentament ir-raġel liebes flokk skur jidher jiġbor xi ħaġa minn ġewwa l-istess qasrija. Il-persuni nvoluti jibqgħu ma jistgħux jiġu identifikati. Għall-ħabta tas-sebgħa u kwart jidher li jagħmel l-istess ħaġa għal raġel maskili ta' karnaġġjon abjad libes ġakketta skura. Għal ħabta tas-19.26hrs jidher jiefqu żewġ irġiel ikellmuh u wara jqum imur viċin qasrija u wara jgħaddi xi ħaġa lil wieħed minnhom. Ftit wara jidher li jieqaf persuna oħra ħdejn il-persuna bilqiegħda fuq bank. Il-persuna li kien fuq il-bank iqum u jitlaq minn fuq il-post għal ftit mumenti. Sussegwentament jerġa lura u jagħti xi ħaġa lil dan il-persuna li qagħad jistennieh. Għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart jidher jiefqu xi persuni oħra fejn għal darb'oħra jerġgħa jsir kuntatt fejn dan il-persuna bilqiegħda fuq bank jidher jgħaddielhom xi ħaġa. Lejn l-aħħar tal-filmat il-persuna ikkonċernata tidher titlaq minn fuq il-bank. Fir-raba' filmat ma jidher xejn. Fid-dawl tar-riżultanzi minn dawn il-filmati din il-Qorti tista' tasal għall-konkluzzjoni li l-persuna fuq il-bank setgħa kien qed ibiegħ xi affarijiet, liema affarijiet setgħu kienu illegali, ġaladarba għal mumenti twal ħalliehom ġewwa qasrija u mhux fuq il-persuna tiegħu. Madanakollu mill-istess filmat, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konkluzzjoni ta' x'kienu dawn l-affarijiet u wisq inqas ma tista' tiddentifika lil persuna bilqiegħda fuq il-bank jew inkella l-persuna bil-flokk griż (b'dan tal-aħħar deher biss fl-ewwel filmat) u dan minħabba l-angolu tal-kamera li kienet qed tiġbed il-filmat u anke il-għaliex il-persuna bilqiegħda fuq il-bank kien liebes beritta u xalla. Il-prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma ressqet prova ċara li turi x'wasalha tikkonkludi li l-persuna f'dak il-filmat kien il-

qua imputat ġaladarba dan definittivament ma setgħax jirriżulta biss mill-filmat.

2. **PS160 Wayne Borg** xehed bil-ġurament li l-puliżija kellhom informazzjoni li l-qua imputat, li dak iż-żmien kien persuna t'interess f'investigazzjoni li kellhom għaddejja, kien qatgħa biljett lejn Milan bit-titjira tkun mistennija titlaq għall-ħabta ta' nofsinhar neqsin kwart. Borg ġie mgħoti struzzjonijiet sabiex imur l-ajruport libes pajzan sabiex josserva l-movimenti ta' din il-persuna. Borg jispjega li huwa lemaħ lil dan il-persuna fl-ajurport partikolarment fid-*departures area* għall-ħabta tal-ħdax u għaxra. Huwa informa b'dan lil PS1161 Aldo Zammit.

3. **Jerlene Carabott** xehdet lil-qua imputat ma jirriżultax li għandu liċenżja tal-armi.

4. **PS1461 Alfred Bray** xehed li fis-7 ta' Ġunju tas-sena 2024 huwa kien qiegħed ronda San Ġiljan partikolarment fi Triq San Ġorġ. Jispjega li huwa flimkien ma PS1161 Aldo Zammit daħlu jagħmlu spezzjoni ġewwa LongHall Pub. Bray jispjega bil-ġurament li hekk kif kienu qed ikellmu lill-istaff huma raw lil turist ikellem lill-qua imputat u sussegwentament Il-qua imputat għadda lit-turist żewġ pakketti ħodor f'idejh. Hekk kif raw hekk Zammit mar fuq it-turist li rriżulta li kien ta' nazzjonalita' Franċiża filwaqt li Bray mar fuq Demba. Bray talab għad-dokumenti ta' Demba[2] kif ukoll talbu jispjega x'għandu fil-pouch li kien liebes, liema pouch dak il-ħin kien miftuħ u ġo fih setgħu jiġu nnutati boroż żgħar b'sustanza ħadra fihom. Demba neħħa l-pouch minn miegħu sabiex jagħtieh lil Bray, iżda waqt li qed jagħmel dan Demba mbotta lil Bray u pprova jaħrab iżda Bray jixhed li huwa rnexxielu jżommu billi waqgħu fuq xulxin mal-art. Hekk kif ġew ħdejhom is-Surġent Zammit bil-persuna li kien arresta hu, Demba reġgħa ħarab jiġri. F'mument minnhom Bray jixhed li waqt li kien qed jiġri wara Demba huwa nnota li Bray kellu xi ħaġa tleqq f'idejh. Demba rnexxielu jaħrab mill-pulizija. Hekk kif ix-xhud Bray wasal lura l-għassa saqsa lis-Surġent jekk għandux xi ħaġa f'ġenbu billi kien qed iħoss xi ħruq. F'dawn il-mumenti is-Surġent Zammit irrimarka lil Bray li kellu linja twila irqiqa f'ġenbu. B'hekk huwa mar jagħmel ċertfikat mediku u għaddieh lis-superjuri tiegħu. Ix-xhud ippreżenta ritratt tal-girfa subita f'ġenbu bħala Dok. JB1. Huwa spjega li dan ir-ritratt ittieħed mis-surġent Zammit. Mistoqsi kif saret il-girfa x-xhud wieġeb "*probbabiliment meta konna mal-art għax m'għamiltx iktar kuntatt*

[2] Dan id-dokument ġie esebiet bħala Dok. AB. Dan id-dokument huwa karta tal-identita' tal-imputat.

*miegħu wara minn meta ħarab jiġri."* In kontro-eżami meta reġa ġie mistoqsi dwar kif ġew subiti dawn il-ġrieħi l-istess xhud iddikjara: "… m'għadhiex idea biex saret din." Bray esebixxa ukoll iċ-ċertifikat mediku bħala Dok. JB2. Skond dan iċ-ċertifikat il-ġrieħi ġew klassifikati bħala '*slight save complications*'. Bray esebixxa ukoll żewġ qratas ġewwa envelope elevati mis-Surġent 1161 minn fuq il-persuna ta' nazzjonalita' Franċiża[3]. Bray spjega ukoll li dawn il-qratas qatt ma kienu fil-pussess tiegħu ħlief waqt id-depozizzjoni tiegħu meta ġew mgħoddija lilu mill-ispettur fl-awla stess. Madanakollu, Bray spjega ukoll b'referenza għall-istess qratas, li huwa minn wara l-ħġieġa ta' ġol-Pub kien ra lill-qua imputat jgħaddi dawn il-qratas lill-persuna ta' nazzjonalita' Franċiża.

5. Xehed bil-ġurament **PS1161 Aldo Zammit** li spjega li nhar is-7 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija huwa flimkien ma PC1461 kien qed jagħmlu ronda fl-inħawi ta' LongHall Pub ġewwa Paceville. Huma daħlu jagħmlu spezjoni f'dan il-Pub. Waqt li kienu ġewwa l-Pub mill-ħġieġa lemħu lill-qua imputat jiġi avviċinat minn persuna barranija li wara rriżulta li kienet ta' nazzjonalita' Franċiża. Huma nnotaw lill-qua imputat jgħaddi żewġ qratas lil dan il-persuna li wara rriżulta li huwa persuna Franċiża. Zammit spjega li hekk kif raw hekk huma ħarġu barra fejn Zammit mar wara t-turist Franċiż filwaqt li Bray mar fuq il-qua imputat. Zammit spjega li waqaf lill-persuna ta' nazjonalita' Franċiża li rriżulta li jismu Ethan Claude Bernard Clint. Zammit xehed ukoll li huwa eleva ż-żewġ qratas minn fuq il-persuna ta' Bernard. Waqt li Zammit kien qed ikellem lil Bernard huwa setgħa jinnota li ftit metri 'l bogħod il-qua imputat kien qed jipprova jaħrab lill-Kuntistabbli Bray, iżda Bray kien irnexxielu jniżżlu mal-art. Hekk kif Bray pprova jqajjem mill-ġdid lill-qua imputat, il-qua imputat reġgħa pprova jaħrab, din id-darba b'suċċess. Il-filmat tal-akkadut ġie elevat mix-xhud mil-LongHall Pub u esebiet bħala Dok. AZ2. Zammit jiddikjara li huwa kien informa bl-akkadut lill-ispettur Nico Zarb li min-naħa tiegħu kien ġab mandat fil-konfront tal-qua imputat.

   Zammit jispjega ukoll li huma saru jafu bil-qua imputat lura f'April tas-sea 2024 għaliex kienu rċevew informazzjoni dwaru. Fil-fatt Zammit ippreżenta numru ta' ritratti u CDs li ttieħdu dwar l-imputat odjern bejn ix-xhur t'April u Ġunju (sakemm ġie arrestat) – Dok AZ u AZ1.

[3] Immarkat bħala Dok. JB3.

Zammit ikkonferma li huwa ħa ritratt lil Bray tal-ġrieħi f'ġenbu wara li l-istess Bray kien stqarr miegħu li kellu xi ftit ħruq f'ġenbu. Dan ir-ritratt esebieh bħala Dok. AZ3.

Zammit jispjega bil-ġurament li huma ġew informati li l-qua imputat kellu jaqbad titjira għal Milan tramite KM Airlines. Għaldaqstant huwa kien mar l-ajruport flimkien ma PS160 (libes pajżan) u PS922 fejn hemmhekk kienu arrestaw lil Demba u eskortawh lejn l-għassa ta' San Ġiljan. Zammit xehed ukoll li minn tfittxija fil-basket li kien qed iġorr miegħu rriżulta li kellu fil-pussess tiegħu l-ammont ta' Eur.7,135 fi flus kontanti, li ġew esebiti bħala Dok. AZ4. Zammit eseebixxa ukoll il-flokk u l-beritta li kien libes waqt l-akkadut nhar is-7 ta' Ġunju 2024 bħala Dok. AZ6. Zammit esebixxa ukoll il-bagalja li allegatament kellu miegħu l-qua imputat li ġo fiha nstabet blokka cannabis, AZ7.

B'referenza għal Dok JB3, Zammit jikkonferma li dawn elevahom huwa mingħand Bernard, poġġiehom f'envelope u wara għaddiehom lill-ispettur Nico Zarb.

In kontro-eżami, b'referenza għal Dok AZ u Dok AZ1, Zammit jispjega li dawn kienu jikkontjenu l-iktar filmati u ritratti li ħadu l-pulizija waqt li kienu fuq ronda ta' San Ġiljan fejn hemmhekk setgħa jiġi nnotat Demba jitkellem u jgħaddi xi affarijiet lil xi nies li kienu fl-istess akkwata. F'dan l-istadju saru diversi domandi mill-avukat difensur għalxiex Zammit ma kienx intervjena jekk kjarament kien qed jara aġir suspettuż dejjem skond dak li kien qed jixhed. Zammit għall-ewwel wieġeb li huwa ma għamilx dan għaliex ma kienx jaf eżattament x'kien qed jagħmel Demba u għaliex kien waħdu. Madanakollu, wara li x-xhieda ġiet sospiża u huwa nżamm appartat, Zammit spjega li kien hemm xi ritratti li ġibed hu filwaqt li numru ta' filmati oħra ġew mgħoddija lilu minn persuni li għaddewlu informazzjoni u li ma jixtieqx jikxef l-identita' tagħhom. Huwa identifika bħala ritratt li ġibed hu ritratt fejn il-qua imputat jidher b'sieq waħda imtella mal-ħajt liebes kollox bl-iswed. Zammit identifika ukoll filmat li ġibed hu dak il-filmat li jidher miġbud minn karozza tas-servizz. Mistoqsi ukoll in kontro-eżami jekk kienx hemm *controlled delivery* huwa nnega li kien hemm *controlled delivery*. Zammit spjega li l-Franċiż li ġie osservat jixtri mingħand Demba kien ikkonferma mal-pulizija li huwa mar jixtri l-kannabis. In kwantu għall-filmat li ġie elevat mill-istabilliment LongHall Pub, mistoqsi in kontroeżami, Zammit jispjega li elevah hu stess u li ma jistgħax jikkonferma t-*time-stamp* għaliex meta niżżel il-filmat ma iċċekjax ir-real time mal-camera time. B'referenza għar-ritratt tal-girfa fuq Bray, Zammit ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk jafx kif ġiet din il-

girfa. Zammit wieġeb li huwa ma jafx kif ġiet din il-girfa iżda huwa ra lill-qua imputat jissielet mal-istess Bray. Zammit ikkonferma li l-imputat kellu xi flus kontanti fil-pussess tiegħu meta ġie arrestat. Dawn il-flus kienu f'*man-bag* li kien qed iġorr. In kontro-eżami, Zammit spjega ukoll li l-blokka allegatament droga instabet fil-bagalja tiegħu moħbija ġewwa żarbun. Spjega li hija kienet mgeżwra bil-foil u bil-karti. Zammit ikkonferma ukoll li din id-droga nstabet waqt li kienu l-għassa fil-prezenza ta' diversi uffiċjali tal-pulizija iżda l-imputat Demba ma kienx preżenti. Madanakollu jispjega li kellhom il-bodycams mixgħulin. Fix-xhieda tiegħu Zammit jikkonferma li t-turist Franċiż kien għaddhielu ż-żewġ qratas li xtara mingħand il-qua imputat. Zammit jgħid li dawn tefgħahom f'envelope inħarġu biss biex intiżnu u wara reġgħu tpoġġew ġo envelope u ġew mgħoddija lill-ispettur Nico Zarb.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-filmati u r-ritratti esebiti mis-Surġent Zammit. Jibda billi jingħad li din il-Qorti ser tikkunsidra biss il-filmat li ttieħed minn karozza u ritratt fejn jidher l-imputat jistrieħ mal-ħajt. Jingħad li qed jiġu kkunsidrati dawn biss ġaladarba mix-xhieda tas-Surġent Zammit jirriżulta li dawn kienu l-uniċi ritratt u filmat meħuda minnu. L-oħrajn jidher li ttieħdu minn persuni oħra li baqgħu ma tressqux sabiex jixhdu. Jingħad ukoll li għalkemm mill-filmat miġbud minn vettura jidher b'mod ċar il-qua imputat. F'dan il-mument il-qua imputat jidher biss ikellem persuna oħra u imbagħad idawwar wiċċu biex jevita l-kamera. Minn dan il-filmat ma jidher li kien hemm l-ebda ksur tal-liġi.

6. Xehed bil-ġurament l-**ispettur Nico Zarb** li stqarr kif fis-7 ta' Ġunju 2024 huwa ġie nfurmat minn PS1161 li kienet ġie arrestat il-qua imputat wara li ġie osservat jgħaddi xi affarijiet lil persuna oħra. Ġie nfurmat ukoll li wara li Demba twaqqaf u tahom id-dokument tal-identita' tiegħu, l-istess Demba kien imbotta lil PC1461 Bray u ħarab minn fuq il-post. L-ispettur Zarb jikkonferma ukoll li huwa ġie mgħoddi żewġ qratas mingħand PS1161 Aldo Zammit. L-ispettur Zarb spjega ukoll li nħareġ mandat fil-konfront ta' Demba. Jispjega li billi fil-ġranet sussegwenti huwa kien ser isiefer huwa kien għadda l-mandat t'arrest lill-ispettur Roderick Attard bil-għan li jekk jiġi osservat Demba waqt li huwa jkun imsiefer ikun jistgħa jiġi arrestat. Mistoqsi għaliex il-qratas tal-cannabis elevati minn fuq il-persuna ta' Bernard ma ġewx issiġillati ġewwa evidence bag huwa spjega li ħafna drabi qabel jitpoġġew ġo evidence bag jitpoġġew f'envelope tal-karti bil-għan li tiġi kkonservata d-DNA. Jgħid li huwa rċieva l-envelope kontenenti dawn il-qratas magħluq, huwa fetħu imma fl-ebda ħin ma kien miss dawn il-qratas. Mistoqsi in kontro-eżami

għaliex xi evidenza ġiet ippreżentata ġewwa evidence bag filwaqt li oħra le, huwa ddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jispjega r-raġuni għalxiex. L-ispettur Zarb spjega li huwa ra lill-imputat ġewwa Paceville darb'oħra. F'dik l-okkażżjoni l-imputat kien miexi u ma kien qed jagħmel xejn suspettuż.

7. **L-ispettur Michael Vella** xehed li fl-14 ta' Ġunu 2024 huwa ngħata struzzjonijiet mis-Supretendent Melvin Camilleri sabiex jassiti lill-ispettur Roderick Attard fl-investigazzjonijiet wara li kien għadu kif ġie arrestat il-qua imputat ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. L-ispettur Vella jixhed li huwa ġie infurmat li l-qua imputat ttieħed ġewwa l-isptar Mater Dei għaliex ma kienx qed iħossu tajjeb u li fil-bagalja tiegħu kienet instabet xi sustanza allegatament suspettata droga cannabis. Huwa kien ġie infurmat ukoll li Demba kien ġie arrestat in segwietu għal mandat t'arrest wara li nhar is-7 ta' Ġunju 2024 kien ġie osservat jgħaddi xi qratas lil persuna oħra u wara li ġie mwaqqaf mill-pulizija huwa kien imbotta lil Kuntistabbli Bray u ħarab minn fuq il-post. Huwa kien ġie nfurmat li waqt l-arrest tiegħu Demba nstab fil-pussess ta' Eur.7,100, 53g Cannabis f'forma ta' blokka u ammont kunsiderevoli ta' fwejjaħ bil-price tag fuqhom li jlaħħqu l-vaur ta' circa Eur. 3,000. Fil-15 ta' Ġunju 2024, Demba ġie rrillaxat mill-isptar u ġie skortat ġewwa l-Għassa San Ġiljan bil-għan li tittieħidlu stqarrija u dan wara li ħa parir legali mingħand l-Avukat tal-Għajnuna Legali u bl-assistenza tal-interpretu għal-lingwa Franċiża. L-ispettur Vella ġie mistoqsi mill-Qorti il-għaliex l-imputat ġie akkużat bi ġrieħi ta' natura ħafifa li ġew kommessi bi strument li jaqta' jew bil-ponta. L-ispettur Vella għamel referenza għal meta l-imputat ipprova jaħrab lill-kuntistabbli Bray u spjega li żied tal-istrument jaqta jew bil-ponta għaliex meta kien qed jaħrab minn fuq il-post Bray osserva lill-imputat b'xi ħaġa tleqq f'idejh. L-ispettur Vella esebixxa l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputata bħala Dok MV.

Fl-istqarrija rrillaxata lill-pulizija (Dok MV), il-qua imputat stqarr li huwa jaħdem bħala Security u ġie hawn Malta madwar xahrejn jew tlett xhur ilu minn Ruma sabiex iżur kuġin tiegħu. Mistoqsi kif kien qed issostni lilu nnifsu huwa spjega li ġab il-flus miegħu (madwar Eur. 9,000). Mistoqsi dwar l-Eur. 7,135 li nstabu fil-pussess tiegħu l-imputat jispjega li dawn il-flus huwa ġabhom miegħu u kien ser jeħodhom lura miegħu. Mistoqsi dwar il-fwejjaħ li nstabu fil-bagalja huwa spjega li dawn kien ser jeħodhom lill-kuġinuh li jaħdem kemm Malta kif ukoll l-Italja. Jikkonferma li dawn il-fwejjaħ kienu ta' kuġinuh. Mistoqsi kif kien qed jgħid li huwa jgħix hawn Malta ma' kuġinuh u sussegwentament spjega li

kien ser jieħu l-fwejjaħ lil kuġinuh li kien l-Italja l-imputat għażel li ma jweġibx. Jikkonferma li l-mobiles kollha li nstabu huma tiegħu. In kwantu għall-blokka cannabis li nstabet fil- bagalja, l-imputat jinnega li din hija tiegħu għalkemm ikkonferma li l-bqija tal-affarijiet huma tiegħu. Huwa jgħid li huwa ma kellux droga u li l-bagalja ma nfettħitx quddiemu. Huwa ġie muri xi filmati u b'referenza għalihom l-imputat wieġeb li f'dawk il-filmati wiċċu ma jidhirx u li dak il-persuna ma huwiex huwa. Mistoqsi dwar l-avvenimenti tas-7 ta' Ġunju 2024, huwa jinnega li ħareġ sikkina u darab pulizija biha, għalkemm ikkonferma li ħarab lill-pulizija.

8. Illi **Clint Ethan Claud Bernard** bil-ġurament għaraf lill-imputat. Spjega li jafu ġewwa Paceville u li kien fittxu meta kellu bżonn jixtri l-cannabis. Jgħid li dan ġara fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju tas-sena 2024. Ix-xhud jispjega li kien propju hu li talab lill-qua imputat għad-droga pjanta tal-cannabis u l-imputat tahielu (żewġ pakketti) għall-prezz ta' Eur. 30. Hekk kif l-imputat għaddielu l-pakketti tal-pjanta tal-cannabis waqfu ħdejhom il-pulizija. Jikkonferma ukoll li din kienet l-ewwel darba li xtara d-droga minn Paceville.

9. Illi **Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti bħala xjenzat bil-għan li janalizza s-sustanza esebieta kkonkluda s-segwenti:

> *"(a) Illi fuq l-estratti meħuda mill-buds ta' lewn ħodor li hemm ġewwa l-esebit immarkat Dok JB3 hawn fuq deskritt nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (delta-9-THC). Il-piż total tal-buds kien ta' 1.60g u l-purita' medja tat-THC fil-buds kinet ta' circa 2.5%. Din is-sustanza (THC) tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u l-buds huma 'biċċa minnha" u għaldaqstant huma kkontrollati bil-liġi taħt Taqsima III sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġiijiet ta' Malta.*
>
> *(b) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm ġewwa l-esebit immarkat Dok. AZ7, instabet is-sustanza Tetraahydrocannabinol (delta-9-THC). Il-piż total tas-sustanza kien ta' 48.20g u l-purita' tal-THC fil-blokkok kien ta' medja 8.13%. Din is-sustanza (THC) tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u r-resin hija 'biċċa minnha' u għaldaqstant hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*

10. Xehed l-**ispettur Roderick Attard** li fil-bidu ta' Ġunju tas-sena 2024 kien ġie infurmat mill-ispettur Nico Zarb li kellu investigazzjoni dwar traffikar tad-droga cannabis pendenti u dan l-għaliex l-ispettur Zarb kellu jsiefer. Din l-investgazzjoni kienet tirrigwarda ukoll ġrieħi li ġew subiti

minn kuntistabbli tal-pulizija (Alfred Bray) b'instrument jaqta' bil-ponta. Dan l-inċident kien seħħ fis-7 ta' Ġunju 2024. L-aggressur kien ġie identifikat bħala Wagne Labo Demba. L-ispettur Attard xehed li kien intalab il-PNR fil-konfront ta' Demba fejn ġew infurmati li kellu titjira bbukjata għall-14 ta' Ġunju 2024. Spjega li ġiet kkordinata operazzjoni ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn intbagħat is-surġent Zammit flimkien ma żewġ uffiċjali tal-pulizija oħra b'wieħed minnhom libes pajzan. Wara l-ħdax ta' filgħodu ġie identifikat il-qua imputat ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u għaldaqstant is-Surġent Zammit għadda għall-arrest tal-imputat. L-imputat kien ġie akkumpanjat mal-bagalji ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan. Hekk kif kienet ħa tibda t-tfittxija fil-bagalja, l-imputat ħassu ma jiflaħx u allura ttieħed l-isptar Mater Dei għall-assistenza medika. L-ispettur Attard jixhed li f'waħda mill-bagalji nstab żarbun u ġo fih instabet sustanza maħsuba li hija raża tal-cannabis. Il-piż tagħha kien ta' madwar 53 gramma. L-ispettur Zammit spjega li fil-bagalja ta' Demba instabu ukoll xi fwejjaħ, nuċċalijiet tax-xemx, u headphones. Jgħid ukoll li fil-15 ta'Ġunju 2024 ttieħdet stqarrija lill-qua imputat. Fost dokumenti oħra, l-ispettur Attard esebixxa l-bodycam footage tas-surġent, PC1600 u PC422 ta' nhar l-14 ta' Ġunju 2024. B'referenza għaż-żewġ qratas elevati minn fuq Bernard, l-ispettur Attard spjega li dawn ġew elevati mis-surġent Aldo Zammit, mgħoddija lil-ispettur Nico Zarb, li għaddiehom lilu u huwa ġabhom fl-awla fejn imbagħad għaddiehom lill-kuntistabbli Bray sabiex jesebihom.

In kontro-eżami l-ispettur Attard ikkonferma li huwa ġie infurmat mill-pulizija li l-bagalja l-kbira tal-imputat ġiet elevata wara li sari c-*check-in*. L-ispettur Attard jikkonferma li huwa kien preżenti għal ftit ħin waqt li kienet qed isir it-tfittxija fil-bagalja u dan l-għaliex huwa kellu xogħol ieħor. Skond ix-xhieda tal-ispettur Attard jirriżulta li t-tfittxija fil-bagalja saret mis-surġent Aldo Zammit u dan fil-prezenza ta' diversi uffiċjali. Spjega li t-tfittxija ma saritx fil-prezenza tal-imputat għaliex huwa kien qed iħossu ma jiflaħx. Jispjega ukoll li madanakollu din saret mill-pulizija mill-bodycams mixgħulin u allura huwa ma ħassx li kien hemm l-ebda problema.

11. Xehed **Dr. Daniel Desira** li kkonferma bil-ġurament iċ-ċertifikat maħruġ fil-konfront tal-kuntistabbli Bray.

12. Xehdet **PC2227 Barbara Anne Pace** li kkonfermat li Alfred Bray huwa pulizija fi ħdan is-CPT, San Ġiljan.

13. Xehed bil-ġurament **PC2393 Rhone Mifsud Grech** fejn spejga li huwa kien involut fl-arrest tal-qua imputat, fejn nhar l-14 ta' Ġunju 2024 huwa kien mar l-ajruport flimkien ma PS160 (stazzjonat ġewwa San Ġiljan). Huwa ġie mgħoti ritratt tal-qua imputat mis-sistema tal-pulizija. L-imputat intlemaħ fl-ajruport għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu u ġie mwaqqaf minnhom. Jispjega li l-qua imputat ġie mgħoti d-drittijiet tiegħu bħala suspettat. Spjega li minn tfittixija li saret fuqu minn PS1161 instab biss mobile phone fuq il-persuna tiegħu. Spjega ukoll li kellu hand luggage iswed li baqa' ma nfettaħx sakemm kien preżenti x-xhud. Minn hemm l-imputat ittieħed l-għassa ta' San Ġiljan. Mifsud Grech ikkonferma ukoll bil-ġurament li aktar tard huwa kien akkumpanja lill-qua imputat ġewwa l-isptar Mater Dei.

14. Xehdet **PC1600 Elisa Bondin** li stqarret li hija kienet preżenti għat-tfittxija fl-għassa li saret għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar. Spjegat li t-tfittxija fil-bagalja saret minn PS1161 Aldo Zammit fil-prezenza ta' PC422. F'din il-bagalja instabet sustanza suspettata ħaxixa kif ukoll xi fwejjaħ.

15. Xehdet ukoll **PC422 Lea Scerri** li spjegat li fl-14 ta' Ġunju 2024 għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar hija kienet temporanjament stazzjonata ġewwa l-Għassa San Ġiljan fejn kienet prezenti għal tfittxija li saret f'bagalja minn PS1161 Aldo Zammit. Hija spjegat li waqt din it-tfittxija instabet sustanza suspettata cannabis ġewwa żarbuna f'din il-bagalja. Fl-istess bagalja instabu ukoll ammont ta' fwejjaħ. In kontro-eżami hija ġiet mistoqsija l-kulur ta' din il-bagalja u hija rrispondiet li ma tiftakarx.

16. Xehdet **PS2345 Monique Mangion** li kkonfermat bil-ġurament l-irċevuta li hija ħarġet lill-qua imputat tal-oġġetti elevati (Dok. AZ8). Hija spjegat li t-tfittxija ma għamlitiex hija u l-oġġetti ġew mgħoddija għandha mingħand is-surġent Aldo Zammit. In kontro-eżami hija spjegat li hija ħarget l-irċevuta f'isem il-qua imputat għaliex PS1161 kien infurmaha li l-oġġetti ġew elevati mill-pussess tiegħu. Mistoqsija kif għaddew l-oġġetti għandha hija spjegat li għaddew ġo evidence bag.

17. Xehed **PS338 Kenneth Saliba** li ppreżenta l-footage tal-kamera tas-sigurta li hemm ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan.

18. Xehed **PC587 Joseph D'Amato** li spjega li huwa kellu talba sabiex jesebixxi l-filmati tal-body-worn cameras ta' PS1161, PS160 u PC1461 għas-7 ta' Ġunju 2024 bejn id-9pm u l-10pm. Dawn il-filmati ma nstabux. D'Amato spjega ukoll li kellu talba sabiex jesebixxi l-filmati tal-body-worn cameras ta' PS1161, PS922, PC1600, PC422 u PS160 għall-14 ta' Ġunju 2024 bejn il-11am u 2pm. Il-filmati li nstabu ġew mibgħuta lill-ispettur Attard permezz ta' link ikkreata mis-software tal-body-worn cameras stess.

19. Xehed **PS922 Valhmor Medati** li spjega kif fl-14 ta' Ġunju 2024 huwa ntalab mis-Surġent PS1161 Zammit sabiex flimkien ma PC332 jassisti fl-ezekuzzjoni tal-mandat t'arrest tal-qua imputat. Spjega ukoll li huwa ġie infurmat li l-qua imputat kellu titjira bbukjata għal Milan u li ġie arrestat għal ħabta tas-siegħa neqsin kwart. Jiddikjara ukoll li wara l-imputat ġie eskortat ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan. In kontro-eżami jiddikjara ukoll li waqt li kienu ġewwa l-ajruport saret biss it-tfittxija fuq il-persuna tal-imputat.

20. Xehed **Franco Cachia** li jaħdem ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Jispjega li huma ġew mitlubin mill-pulizija l-footage tal-14 ta' Ġunju 2024 għall-ħinijiet ta' bejn il-ħdax u sbatax-il minuta sal-ħdax u tnejn u tletin minuta ta' filgħodu. Huwa ppreżenta dan il-filmat, estratt minnu stess, bħala Dok. FC.

21. Xehed **Dr. Martin Bajada** li kien l-espert maħtur mill-Qorti bil-għan li tiġi estratta l-informazzjoni minn fuq il-mobile. Huwa esebixxa din l-informazzjoni fuq hard-disc drive esebita mal-istess rapport.

Id-difiża, hekk kif kellha kull dritt li tagħmel, ma ressqet l-ebda prova.

**Ikkunsidrat:**

Illi in linea preliminari din il-Qorti ser tindirizza l-kwistjoni mqajjma mid-difiża dwar il-katina ta' kustodja tad-diversi oġġetti esebiti mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti ser tagħmel dan fl-isfond tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni.

Illi l-ewwel konstestazzjoni mid-difiża kienet fir-rigward taż-żewġ qratas esebiti mill-kunsitabbli Bray għaliex dawn ma kienux fil-pussess tax-xhud qabel ma ħa l-pedana tax-xhieda iżda ġew mgħoddija lilu sabiex jesebihom mill-ispettur Attard propju waqt id-deposizzjoni tal-istess Bray. In oltre d-difiża kkontestat ukoll il-fatt li dawn il-qratas ma kienux miżmuma ġo sealed evidence bag hekk kif hija l-prassi. Is-surġent Zammit spjega fix-xhieda tiegħu li dawn il-qratas

ġew elevati minnu minn fuq Bernard. Jispjega li dak il-ħin kellu biss fuqu envelope u għaldaqstant tefagħhom ġewwa envelope. Dawn ġew mgħoddija lill-ispettur Nico Zarb hekk kif ġie ikkonfermat bil-ġurament kemm mis-surġent Zammit kif ukoll mill-istess Spettur Zarb. L-ispettur Zarb spjega li dawn ma ġewx magħluqa ġewwa evidence bag minħabba xi testijiet tad-DNA li jistgħu jkunu rikjesti. F'dan il-każ ma ntalbu l-ebda analizi tad-DNA. Fi kwalunkwe każ, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-qratas setgħu xorta waħda setgħu jiġu magħluqa ġo envelope tal-karti u wara mpoġġija ġo evidence bag iffirmata minn min elevahom u l-persuna minn fuq min ittieħdu. Din kienet tkun prassi tajba ta' kif tiġi preservata l-evidenza minflokk ma tiġi esebita ġo envelope miftuħ hekk kif sar f'dan il-każ. Min-naħa tiegħu l-ispettur Nico Zarb għadda dawn il-qratas lill-ispettur Roderick Attard li min-naħa tiegħu għaddiehom seduta stante lill-kuntistabbli Bray waqt li dan kien qed jiddeponi. Minn dan kollu jirriżulta li kull persuna li fil-kustodja tagħha ġewwa l-imsemmija qratas ħadet il-pedana tax-xhieda u kkonfermat dan bil-ġurament anke jekk il-preservazzjoni tagħhom ma saritx ġo evidence bag hekk kif wieħed jistenna. B'hekk din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li għandha tordna l-isfilz ta' dan id-dokument. F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll li meta l-Qorti ser tiġi biex tikkunsidra r-reita' o meno tal-imputat in kwantu għall-imputazzjonijiet li jikkonċernaw dawn iż-żewġ qratas ħa jingħata piż lit-testimonjanza ta' Bernard fejn ikkonferma li nhar is-7 ta' Ġunju 2024 huwa kien ġie mwaqqaf mill-pulizija ġewwa Paceville wara li kien għadu kif xtara l-imsemmija qratas tal-cannabis versu l-prezz ta' Eur. 30 mingħand l-imputat odjern.

Illi in kwantu għall-bagalja evelata minn ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirriżultax minn effettivament elevaha. L-unika informazzjoni li ġiet provduta in kwantu għall-elevazzjoni ta' din il-bagalja kienet mill-ispettur Attard (li ma marx l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta) meta ddikjara li huwa jinsab infurmat li l-imsemmija bagalja ġiet elevata wara l-arrest tal-imputat ġaladarba qabel l-arrest kien ġa sar check-in tagħha. Ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni jispjegaw li din il-bagalja ttieħdet mill-ajruport ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fejn hemmhekk saret it-tfittxija fiha u nstabet ġewwa żarbuna blokka tar-raża tal-cannabis. Irid jingħad li mix-xhieda mressqa jirriżulta li l-imputat kien qed iġorr miegħu din il-bagalja kbira kif ukoll basket iswed li jistgħa jinżamm bħala *handluggage*. Mill-filmat esebiet bħala Dok. KS jirriżulta li l-imsemmi hand luggage kif ukoll handbag żgħir li kien qed jinġarr mill-imputat infetħu fil-prezenza tal-imputat ġewwa bitħa mal-art. Mhux l-istess jistgħa jingħad għall-bagalja li ma tidher imkien fil-filmat esebiet f'Dok. KS. Dan ifisser li l-imsemmija bagalja ma baqgħatx fil-prezenza tal-imputat b'mod kontinwu anke qabel ma l-imputat ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei. Mill-filmati meħuda mill-

bodycams jirriżulta li hemm filmat ta' kuntistabbli li juri kif din il-bagalja kienet diga miftuħa mal-art b'diversi uffiċjali jfittxu fiha. Minn dan il-filmat jidher li qed tinstab is-sustanza tar-raża tal-cannabis. Madanakollu jrid jingħad li f'dan il-filmat ma tidhirx il-bagalja tinfetaħ, għaliex il-filmat beda jittieħed wara li nfettħet il-bagalja. Jirriżulta ukoll li f'diversi istanzi l-bodycams kienu qed jinxtgħelu u jintfew fuq talba tal-uffiċjali tal-pulizija. Irid jingħad ukoll li mill-bodycams elevati jirriżulta li din il-bagalja ma tteħditx l-għassa San Ġiljan flimkien mal-imputat hekk kif ingħatat l-impressjoni fit-testimonjanzi tal-pulizija. Dan qed jingħad għax minn filmat ta' bodycam minnhom jinstemgħa uffiċjal tal-pulizija li kien qed jagħmel tfittxija ġewwa l-handluggage u jgħodd il-flus jagħti struzzjonijiet sabiex xi uffiċjali oħra jċemplu l-ajruport bil-għan li jiġi ċċekjat jekk kienx hemm bagalji rreġistrati f'isem l-imputat. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar kif ġie elevata din il-bagalja u dwar minn ħadha l-għassa. B'hekk, kuntrarjament għall-qratas ma jistgħax jingħad li l-katina tal-evidenza rigward il-bagalja ġiet ippruvata. In oltre mill-bodycam jirriżulta li t-tfittxija f'din il-bagalja ma saritx fil-prezenza tal-imputat. Jingħad ukoll li fl-istqarrija rrillaxata mill-imputat, wara li huwa ngħata d-drittijiet skond il-liġi, l-qua imputat ikkonferma li din il-bagalja kienet tiegħu u li l-oġġeti ġewwa l-istess kienu fil-pussess tiegħu għajr għall-blokka tar-raża tal-cannabis. L-imputat jallega li din il-blokka ma jafx kif spiċċat hemm.

Illi l-abbli difensur argumenta ukoll li l-korrezzjonijiet li saru mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2024 ma sarux fuq iċ-ċitazzjoni li fuqha hemm miktub li ġiet moqrija u kkonfermata bil-ġurament mill-uffiċjali prosekuturi. Dan huwa minnu. Madanakollu minn analizi tal-atti proċesswali jirriżulta ċar li l-imputazzjonijiet hekk kif korretti ġew ikkonermati bil-ġurament mill-prosekuzzjoni hekk kif tirrikjedi l-liġi. Dan huwa evidenzjat mill-verbal tad-19 ta' Ġunju 2024. Għaldaqstant ma hemm xejn sanzjonabbli fil-korrezzjonijiet li saru fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2024 tant li l-akkużi hekk kif korretti reġgħu ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament u wara reġgħa sar l-eżami tal-imputat fejn wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita' tal-imputat</u>

- **L-ewwel imputazzjoni – traffikar ta' pjanta tal-cannabis fl-14 ta' Ġunju 2024**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni Demba ġie akkużat bi traffikar tas-sustanza tal-pjanta tal-cannabis fl-14 ta' Ġunju 2024 [4] . Illi mill-provi prodotti, partikolarment mix-xhieda ta' Bernard, jirriżulta li l-istess xhud Bernard xtara is-sustanza pjanta tal-cannabis f'żewġ sachets għall-prezz ta' Eur. 30 mingħand il-qua imputat. Fil-fatt Bernard għaraf lill-imputat fl-Awla u spjega f'liema ċirkostanzi kien iltaqa' u xtara is-sustanza cannabis mingħand il-qua imputat. Din is-sustanza ġiet elevata mill-pulizija u esebita fil-proċeduri odjerni. Ix-xjenzat Sammut li analizza din is-sustanza ikkonferma li din hija parti mill-pjanta tal-cannabis fl-ammont ta' 1.60g b'purita' ta' 2.5% u għaldaqstant regolata a tenur tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentament elementi tar-reat ta' traffikar tal-pjanta cannabis ġew ppruvati. Madanakollu skond ix-xhud Bernard u anke skond id-dispozizzjonijiet tal-uffiċjali tal-pulizija (Bray u Zammit) li raw it-transazzjoni bejn Bernard u l-qua imputat, dan l-aġir seħħ fis-7 ta' Ġunju 2024 u mhux fl-14 ta' Ġunju 2024 hekk kif l-imputat ġie akkużat mill-prosekuzzjoni skond l-akkuża hekk kif korretta fl-udjenza tal-19 ta' Ġunju 2024.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, ilfatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mgħotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab".* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.

[4] Dan wara d-debita korrezzjoni fid-data li saret fl-udjenza fid-19 ta' Ġunju 2024.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u ġaladarba l-aġir allegat mill-prosekuzzjoni ma jinkwadrax fil-parametri ta' żmien hekk kif impostulat fiċ-ċitazzjoni dina l-Qorti ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

- **It-tielet imputazzjoni – pussess aggravat tal-pjanta cannabis fl-14 ta' Ġunju 2024**

Illi fl-14 ta' Ġunju 2024 waqt li l-imputat kien fi triqtu lejn Milan huwa ġie arrestat ġewwa l-ajruport u meħud l-għassa tal-pulizija ta' San Ġiljan. Jidher li l-imputat kien qed iġorr bagalja. Din il-bagalja ma ġietx elevata immedjatament miegħu tant li mill-body-cam footage ta' PC422 jidher persuna jagħti struzzjonijiet sabiex xi uffiċjali oħra tal-pulizija jċemplu l-ajruport bil-għan li jiċċekjaw jekk il-qua imputat ma kienx qed iġorr bagalja. Jidher li din il-bagalja ġiet rintraċċata u saret tfittxija fiha mhux fil-prezenza tal-imputat. Parti minn din it-tfittxija inqabdet mill-bodycam footage ta' PC422. Għaldaqstant, hekk kif spjegat aktar qabel f'din is-sentenza, fl-assenza ta' provi dwar min eleva, kif ġiet ikkonservata u meħuda l-għassa, jirriżulta li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx hekk kif mistenni l-katina tal-evidenza konċernanti din il-bagalja. L-imputat fl-istqarrija ikkonferma li din kienet il-bagalja tiegħu madanakollu spjega li huwa ma kienx jaf bis-sustanza misjuba fil-bagalja tiegħu. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi dwar iċ-chain of evidence rigward il-bagalja din il-Qorti ma tistax tasal għall-konkluzzjoni li tkun *safe and satisfactory* li s-sustanza li nstabet fil-bagalja kienet fil-pussess tal-imputat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

In oltre, fi kwalunkwe każ, jingħad ukoll li s-sustanza misjuba ġewwa żarbun fil-bagalja ġiet esebita fil-proċeduri odjerni bħala Dok. AZ 7. Ix-xjenzat Sammut analizza din is-sustanza u kkonkluda li fiha nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (delta-9-THC). In oltre huwa kkonkluda li *"Din is-sustanza (THC) tiġi mill-pjanta kannabis u r-resin hija 'biċċa minnha'."* Din is-sustanza kienet ta' lewn kannella u ġiet deskritta mix-xjenzat bħala raża tal-kannabis. Issa, l-liġi tagħmel distinzjoni bejn il-pjanta tal-kannabis jew biċċa minnha u r-raża tal-kannabis. Fil-fatt il-pjanta tal-cannabis hija regolata permezz tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li r-raża tal-cannabis hija regolata bis-subartikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni għażlet li takkuża lill-imputat a tenur tal-artikolu 8(d) u ċioe' bil-pussess aggravat tal-pjanta cannabis u mhux bil-pussess aggravat tar-raża tal-cannabis u dan minkejja li l-imputat fl-14 ta' Ġunju 2024 kien fil-pussess tar-raża tal-cannabis u mhux tal-pjanta tal-cannabis. Konsegwentament l-imputat ma jistgħa qatt jinsab ħati tat-tielet imputazzjoni hekk kif dedotta mill-prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni.

- **It-tieni imputazzjoni – ittanta jesporta l-pjanta tal-cannabis fl-14 ta' Ġunju 2024**

Bl-istess mod l-imputat ser jiġi illiberat mit-tieni imputazzjoni. Permezz tat-tieni imputazzjoni Demba ġie akkużat li ttenta jesporta l-pjanta tal-cannabis. Madanakollu mill-provi prodotti, hekk kif ingħad b'referenza għat-tielet imputazzjoni, is-sustanza li allegatament instabet fil-bagalja tal-imputat kienet raża tal-cannabis u mhux pjanta tal-cannabis. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan u anke fid-dawl tan-nuqqas t'evidenza rigward iċ-chain of custody tal-bagalja in kwistjoni hekk kif fuq ingħad, l-imputat ser jiġi illiberat minn din l-imputazzjoni ukoll.

- **Ir-raba' imputazzjoni – ġrieħi ħfief permez ta' strument li jaqta jew bil-ponta fuq persuna inkarigata mis-servizz pubbliku minħabba li jkun qed jagħmel dan is-servizz fis-7 ta' Ġunju 2024**

In linea preliminari jibda biex jingħad li kien hemm diversi uffiċjali tal-pulizija li xehdu dwar dawn l-allegati ġrieħi u dwar kif saru, madanakollu x-xhud okulari tal-istess huwa biss il-kuntistabbli Bray ġaladarba x-xhieda l-oħra kollha taw verzjonijiet ta' dak li setgħa qallhom hu (Bray) mingħajr ma kienu preżenti għall-akkadut. Mix-xhieda ta' Bray jirriżulta li hekk kif fis-7 ta' Ġunju 2024 huwa kien fuq ronda ma kollega tiegħu huwa ra lill-qua imputat jgħaddi sustanza illegali lil turist Franċiż. Bray mar fuq il-qua imputat filwaqt li l-kollega tiegħu mar fuq it-turist Franċiż. Waqt li Bray kien qed jipprova jarresta lill-qua imputat, Demba pprova jaħrab bil-konsegwenza li waqgħu mal-art. Sussegwentamet wara li l-imputat irnexxielu jaħrab Bray beda jsegwieh fejn fix-xhieda tiegħu stqarr li osserva xi ħaġa tleqq f'idejn il-qua imputat, li wasslitu għall-konkluzzjoni li kellu strument jaqta' u bil-ponta. Fix-xhieda tiegħu Bray jagħmilha ċara li huwa ma jafx eżattament kif ġew kommessi il-ġrieħi. Jispjega li kif wasal lura l-għassa tal-pulizija ħass xi ħruq f'ġenbu u kollega tiegħu ġibidlu l-attenzjoni li għandu girfa. B'hekk huwa wasal il-konkluzzjoni li possibilment din il-girfa ġiet kommessa waqt li waqgħa mal-art mal-imputat għaliex kien l-unika kuntatt li kien hemm bejniethom. Konsegwentament joħroġ ċar mix-xhieda ta' Bray li huwa qed jassumi li l-girfa saret f'dawk il-mumenti u mhux effettivament jaf li sar f'dak il-mument minħabba l-aġir tal-imputat. Dan ma jwassalx għal grad ta' prova rikjest fil-kamp penali. L-użu ta' strument jaqta' jew bil-ponta ukoll ma jirriżultax pruvat sal-grad rikjest mil-liġi. Fix-xhieda tiegħu Bray jgħid li ra xi ħaġa tleqq f'idejn l-imputat. Għax oġġett ikun ileqq ma jfissirx neċessarjament li dan huwa strument li jaqta' u bil-ponta. In oltre Bray fl-ebda ħin ma xehed li kien propju strument li jaqta' u bil-ponta li kkawżalu l-girfa f'ġenbu. Għaldaqstant din il-Qorti mhux tali hija tal-fehma li din l-akkuża ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest

mil-liġi iżda lanqas tista' tifhem a bażi ta' liema fatti l-imputat ġie akkużat biha meta l-vittma stess ma kienx ċert fit-testimonjanza tiegħu dwar biex u kif ġiet ikkawżata. Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn din l-imputazzjoni ukoll.

- **Ħames imputazzjoni – Inġurji u theddid fil-konfront tal-Kunistabbli Bray u s-Surġent Zammit nhar is-7 ta' Ġunu 2024**

Mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ma jirriżultax li l-imputat b'xi mod inġurja jew inkella hedded lil Bray jew lil Zammit. Fil-fatt la Zammit u lanqas Bray ma xehdu li ħassew inġurjati b'xi diskors li setgħa ntqal mill-qua imputat. Għaldaqstant fuq nuqqas ta' provi l-imputat ser jiġi illiberat min din l-imputazzjoni.

- **Sitt imputazzjoni – pussess ta' sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenżja tal-Kummissarju tal-pulizija fis-7 ta' Ġunju 2024**

Illi hekk kif ingħad b'referenza għar-raba' imputazzjoni, l-unika prova mressqa in sostenn ta' din l-imputazzjoni hija x-xhieda tal-kuntistabbli Bray meta stqarr li waqt li kien qed jiġri wara l-imputat wara li dan ħarab huwa nnota xi ħaġa tleqq f'idu. Hekk kif ġia ngħad, il-fatt li l-imputat kellu oġġett ileqq f'idu ma jfissirx li dan l-oġġett kien sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta. Iktar u iktar meta din l-imputazzjoni trid tiġi pruvata sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Għaldaqstant l-imputat ser jiġi illiberat ukoll minn din l-akkuża.

Għaldaqstant, għal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed tgħaddi sabiex issib lill-qua imputat, Demba Labo Wagne, mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

________________________________________

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo LL.D.**

____________________________________________

Christine Farrugia

**Deputat Reġistratur**